MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 479/1998/1

**John Camilleri bhala president, Victor Spiteri bhala vici-president, Alphonse Abela bhala segretarju, Manwel D'Amato bhala kaxxier u Michael Cutajar, Mario Mifsud u Mario Bonavia bhala membri tal-Kumitat tal-Assocjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku, u sussegwentement permezz ta' nota prezentata fid-9 ta' April 2003, assumew l-atti Victor Spiteri bhala president, Michael Cutajar bhala vici-president, John Camilleri bhala segretarju, Alphonse Abela bhala kaxxier u Manwel D' Amato, Jesmond Mario Farrugia u Gaetano Fenech bhala membri tal-Kumitat tal-Assocjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku.**
**vs**
**Saviour Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk: Peress illi l-konvenut huwa impjegat mal-

imsemmija Assocjazzjoni biex ibiegh il-biljetti tal-karozzi tal-linja f'bieb il-Belt lis-sewwieqa tal-imsemmija karozzi;

Peress illi wiehed mid-dmirijiet tieghu huwa li filghaxija fl-ahhar tal-gurnata wara li jaghmel l-kontijiet imur jiddepozita dawn il-flus fil-Bank of Valletta Ltd. halli jitqieghdu fizikament fil-Bank il-bejgh tal-gurnata;

Peress illi fil-kontijiet tas-26 ta' Jannar 1997 irrizulta li kien hemm diskrepanza ta' elf u tmienja u hamsin lira maltin (Lm 1058) bejn l-introjtu tal-bejgh tal-biljetti u l-flus li gew depozitati fil-Bank;

Peress illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat ghar-refuzjoni ta' l-istess dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-atturi is-somma ta' elf u tmienja u hamsin (Lm1058) ammont minnu dovut kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 t'Awissu 1997, u bl-imghaxijiet legali mit-18 t'Awissu 1997 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi stante illi:

a. Fl-ewwel lok, ghandu jigi ppruvat kif in-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici huma imputabbli ghall-agir tal-konvenut, stante li fl-ebda parti tac-citazzjoni attrici jew tad-dikjarazzjoni guramentata ma jinghad x'konnessjoni hemm bejn l-agir tal-konvenut u n-nuqqasijiet hemm dedotti, l-anqas ma huwa indikat x'inhija l-bazi ta' l-azzjoni attrici;

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut dejjem qeda l-obbligi u d-dmirijiet tieghu fl-ahjar mod in vista tac-cirkostanzi li huwa kien jopera fihom, u kif huwa ben saput mill-atturi, il-konvenut naqas milli jiddeposita xi flus peress illi nhar it-Tnejn sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 1997, huwa safa misruq minn xi hadd injot meta huwa fie fi trieqtu biex jiddeposita s-somma ta' elf u tmienja u hamsin Liri Maltin (Lm 1.058) fil-fergha tal-Bank of Valletta ta' Triq ir-Reppubblika, il-Belt Valletta.
In vista tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni huma s-segwenti. Illi fiz-zmien indikat, il-konvenut kien jahdem bhala ticket seller mall-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku u bhala tali kellu x-xoghol li jbigh il-biljetti li jkun gabar dak in-nhar stess minghand ticket seller iehor.

Skond il-procedura stabbilita, fl-ahhar tal-gurnata ghal habta tas-6.00 pm, t-ticket seller li jkun bigh il-biljetti ghandu l-obbligu li jikkonsenja l-flus li jkun gabar lil tas-security van li kienet tigi apposta sabiex tigbor il-boroz tal-flus u dak in-nhar stess jitpoggew f' safe appozitu fil-Bank.

Illi fil-kaz in dizamina rrizulta nkontestat li meta fis-26 ta' Jannar 1997 giet is-security van, il-konvenut ikkonsenja <u>parti mill-flus</u> li kellu u zamm il-kumplament ghandu, u dan ghar-raguni li ma hargitx mill-provi. Il-konvenut illimita ruhu jghid li sa fejn jaf hu, shabu kienu jaghmlu l-istess. Fil-fatt dak in-nhar mis-somma ta' Lm3835 li hu kien gabar mill-bejgh tal-biljetti, il-konvenut ikkonsenja Lm2,753 [fidda] lil tas-security van biex jigu depozitati dak in-nhar

stess fil-bank, u zamm il-bilanc ta’ Lm1082 li ha mieghu d-dar. Izda dan il-bilanc baqa’ ma giex depozitat.

Il-konvenut spjega li l-ghadha ghal habta tas-6.30 am meta huwa kien diehel Puturjal biex jiddeposita l-bilanc tal-flus, xi hadd aggredih minn wara u hadlu l-pouch bil-flus li kellu fih, u ghalhekk ma setghax jiddepozita l-bilanc ta’ Lm1,082 ghax kienu insterqulu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi t-tesi attrici hi fis-sens li l-konvenut kellu d-dmir skond il-procedura segwita li dak in-nhar stess jikkonsenja l-flus kollha li kien garab matul il-gurnata lil persuna nkarigata li bis-security van tmur il-bank biex tiddepozita l-introitu kollu tal-gurnata. Illi galadarba l-konvenut ghazel li ma jsegwix din il-procedura, allura huwa assuma r-responsabbilita’ tal-flus li kien zamm ghandu, u t-telf taghhom ghandu jsofrihom il-konvenut u mhux l-Assocjazzjoni.

Il-konvenut minn naha l-ohra qed isostni li huwa m’ ghandhux jinzamm responsabbli ghat-telf ta’ flus li garrab rizultat ta’ att kriminali maghmul kontra tieghu. Fil-fatt meta huwa safa misruq huwa kien sejjer il-bank biex hemm jiddepozita l-kumplament.

In tema legali jigi osservat f’ materja ta’ depozitu, li d-depozitarju ghandu jiehu hsieb l-oggett fdat lilu daqs kemm jiehu fil-kustodja ta’ hwejgu [Art.1899]. Huwa obbligat li jrodd lura l-oggett fdat f’ idejh u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli ghat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min ikun ghamel id-depozitu, salv f’ kaz li jipprova l-kaz fortuwitu bhala motiv ta’ l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata. Prova ta’ din tinkombi fuqu li jaghmilha. “Jekk id-deposiztarju jinvoka l-kaz fortuwitu bhala motiv ta’ esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga, l-prova tal-kaz fortuwitu taqa’ fuqu. F’ dan il-kaz tapplika l-massima res perit dominus. Inoltre, l-gurisprudenza hija konkordi li l-kuncett ta’ kaz fortuwitu jew forza maguri ma jsehhx meta ghall-hsara ikun ikkontribwixxa l- fatt posittiv jew negattiv

tal-bniedem" *[App.Civ.**Carmela Sapiano vs Antonia Fenech** [1997] Vol.LXXXI.II.149].*

Il-premess applikat ghall-fatti tal-kaz odjern iwassal ghar-responsabbilita' civili da parti tal-konvenut ghat-telf tas-somma fuq indikata. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm ma hemmx kuntrast dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li l-flus kienu nsterqulu fi triqtu lejn il-bank, il-fatt ampjament provat li dana ghal xi raguni li jafha hu biss naqas milli jibghat l-ammont kollu mas-securituy van bir-rizultat li meta l-ghadha mar jiddepozita l-flus huwa ma kienx eskortat, jinnewtralizza l-argument tieghu li hu bazat fuq il-forza magguri u li hu fis-sens li huwa ghandu jigi ezentat mill-hsara li sofra l-oggett fil-kustodja tieghu.

In propositu l-Qorti tosserva illi kieku l-konvenut segwa l-procedura stabbilita kif kellu d-dmir li jaghmel u baghat il-flus kollha fl-istess gurnata li gew ghandu, kieku ma kienx javvera ruhu t-telf tal-bilanc kif sar. Il-konvenut ma kellux dritt jzomm il-flus ghandu u, minghajr skorta, jmur wahdu l-ghadha jiddepozita l-flus. B' dan l-agir irregolari tieghu huwa pogga ruhu fil-pozizzjoni li jmur jiddpozita l-flus minghajr is-sikurezza ta' security van, bir-rizultat li safa' misruq. Bid-decizjoni tieghu, mehuda *motu proprju* u minghajr raguni valida, li jzomm parti mill-flus ghandu huwa ha riskju li l-flus jinsterqu mill-kustodja tieghu, riskju li ma kellux dritt jiehu u li ghalhekk ghandu jbati l-konsegwenzi tieghu. Dan mhux semplicement kaz ta' depozitu f' hinijiet differenti u fi granet differenti, imma huwa kaz ta' nuqqas ta' osservanza tal-misuri ta' sikurezza disponibbli ghal garr u depozitu tal-flus. L-omissjoni volontarja tieghu li jibghat l-ammont kollu mas-security van teskludi l-eccezzjoni tal-kaz fotuwitu jew tal-forza magguri.

Illi ghaldaqstant t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija nsostenibbli fattwalment u legalment: fattwalment ghax il-provi juru nuqqas serju da parti tal-konvenut fil-kustodja u garr tal-flus; u legalment, ghax ir-raguni migjuba minnu biex jiggustifika n-nuqqas tieghu li jikkonsenja l-bilanc ta' Lm1,058 ma tezonerahx, fic-cirkostanzi li pogga ruhu fihom hu stess, mill-obbligu legali tieghu.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni li hi ta' natura procedurali, il-Qorti tirrileva li, kuntrarjament ghal dak sostnut mill-konvenut, il-bazi tal-azzjoni hija cara u hija daqstant cara l-konnessjoni bejn il-konvenut u n-nuqqas ta' depositu tal-imsemmija somma. Il-konvenut li kien fdat bil-flus tal-Assocjazzjoni kellu l-obbligu li jiddepozitahom dak in-nhar stess li gabarhom. Il-fatt li dan ma sarx huwa imputabbli lill-istess konvenut, galadarba dan ma pprovax l-ezistenza ta' kaz fortuwitu jew forza magguri. Huwa car li l-prova tal-ezistenza ta' dawn il-fatturi tinkombi fuq il-konvenut u mhux fuq l-atturi, u l-mankanza ta' din il-prova, f' dan il-kaz iddghajjef it-tesi tal-konvenut li allegahom, u mhux l-pretensjoni tal-atturi ghall-flus dovuti lilhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi s-somma ta' elf tmienja u hamsin lira maltin [Lm1,058] bl-imghax legali kif mitlub. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------